Editorjal

# AĠĠORNAMENT
## tat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924)
## L-Ewwel Parti

FL-1921 twieldet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, magħrufa llum bħala l-*Akkademja tal-Malti*. Din, wara ħidma sfiqa, irnexxielha tippubblika fl-1924, bl-għajnuna tal-Gvern, ktieb jismu *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*. Dak il-ktieb kien u jibqa' importanti ferm bħala "dokument l-aktar storiku" fil-ġrajja tal-kitba b'ilsien il-Poplu Malti għax f'dak il-ktieb jinstabu l-prinċipji fundamentali u xjentifiċi għall-kitba bl-Ilsien nazzjonali tal-Maltin. B'hekk ingħatat bażi soda u xjentifika lill-kitba bil-Malti u spiċċa wkoll darba għal dejjem dak iż-żmien meta l-Malti kien jinkiteb b'sistemi ortografiċi differenti u minħabba f'hekk sofriet l-edukazzjoni tal-poplu. F'Malta wkoll sa fl-aħħar feġġ żmien ġdid b'ortografija waħda u uniformi li fi ftit snin laqagħha kulħadd. Kif seta' jiġri daqshekk malajr? Ġara preċiżament għax ir-regoli tal-kitba bil-Malti skond it-*Tagħrif* tħaddnu mill-kotra tal-kittieba u mill-ġurnali ewlenin u mhux anqas mill-awtoritajiet li, min-naħa tagħhom, tħabtu u stinkaw għat-tagħlim tal-poplu u ta' wliedu bl-ortografija li kulħadd għadu jagħrafha bħala "ta' l-Għaqda".

Billi lsien il-poplu, bħall-poplu stess, huwa ħaġa ħajja, dinamika, jiġrilu għalhekk li jissokta jiżviluppa u jinfluwenza ruħu miċ-ċirkostanzi tal-ħajja madwaru. B'hekk l-*Akkademja tal-Malti* minn xi snin 'l hawn ħasset il-ħtieġa, kif ħassewha wkoll xi studjużi tal-Malti, li toħroġ regoli li jmexxu aħjar il-kitba bil-Malti. Fl-1984 lestiet iż-*Żieda mat-Tagħrif* sabiex turi kif għandu jinkiteb xi kliem li daħal fil-Malti f'dawn l-aħħar snin, l-aktar mil-lingwi Rumanzi u Anglo-Sassoni, u ħa wkoll il-bixra Maltija. Dawn il-problemi ma kinux jeżistu meta ħareġ it-*Tagħrif* l-ewwel darba fl-1924 hekk li fuqhom ma qal xejn, imma issa ġew ittrattati b'mod xjentifiku fiż-*Żieda mat-Tagħrif* u fid-dawl tat-*Tagħrif* stess.

Minnufih l-*Akkademja* daret biex tieħu ħsieb kwistjoni oħra, għax fl-istess *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija,* f'xi regoli tiegħu, kienet tinħass il-ħtieġa għal ftit aġġornament wara li għaddew kważi 70 sena. Biex isolvi din il-kwistjoni, il-Kunsill ta' l-*Akkademja tal-Malti* qabad ix-xogħol billi ħatar kummissjoni ta' esperti biex *jaġġornaw* xi regoli mit-*Tagħrif.* Din il-kummissjoni għamlet laqgħat ta' studju u diskussjoni mifruxa fuq żmien twil sa ma lestiet l-ewwel rapport li ressqitu lill-Kunsill illi studjah bir-reqqa sa ma ressqu għal laqgħa pubblika. F'dik il-laqgħa ħa sehem ukoll kull min ried, kemm imsieħbin fl-*Akkademja,* kemm oħrajn, biex hekk seta' jinkiseb l-aħjar riżultat xjentifiku possibbli u jintlaħaq fl-istess ħin aktar qbil jew kunsens dwar xi bidliet mixtieqa u meħtieġa. Il-Kunsill reġa' stħarreġ ir-rapport tal-kummissjoni fid-dawl tal-laqgħa pubblika u hekk wasal għar-rapport finali. Fuq dan saret laqgħa mal-Ministru ta' l-Edukazzjoni li faħħar u għaraf il-ħidma ta' l-*Akkademja tal-Malti* u wera r-rieda tiegħu li jadotta l-*Aġġornament tat-Tagħrif* b'riżq l-istudenti fl-iskejjel u f'oqsma oħra.

Il-Kunsill ta' l-*Akkademja tal-Malti* jiżżiħajr lil kull min ħadem b'ħerqa kbira fil-qasam ta' l-ortografija, u speċjalment lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, biex dan l-*aġġornament* iħaffef il-kitba korretta bil-Malti.

> *Wara l-gwerra iżda, twaqqfet il-gazzetta ta' kull ġimgħa bl-isem* Patria. *Diżgrazzjatament sar l-iżball li bdiet tiġi stampata bl-ortografija tal-Malti ta' qabel l-alfabett ta' l-Għaqda. Meta dan l-alfabett mhux biss hu iktar xjentifiku billi kull sinjal jintuża dejjem għall-istess konsonanti jew vokali, iżda dik il-ħabta kien diġà għamel żmien sewwa mgħallem fl-iskejjel. L-ortografija l-antika, maħsuba biex ma tfixkilx fil-kitba tat-Taljan, kienet fil-fatt qed tfixkel lill-*Patria *milli tinqara miż-żgħażagħ u minn dawk li għajnejhom draw il-kitba l-ġdida.*
>
> UGO MIFSUD BONNICI
> *Biex il-Futur Reġa' Beda,* 1992